MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 670/2011

**Francis Borg**
**(karta ta` l-identita` nru: 743459M)**

***kontra***

**Claire Magri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-12 ta` Lulju 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri u datat 14 ta` Lulju 1997, hu r-rikorrent, Anthony Borg, illum mejjet u li tieghu l-intimata Claire Magri hija l-eredi u werrieta, xtara u akkwista minghand Joseph Vella t-terran, bla numru, jismu Edlin, b`entrata separata, f`Imsida Road, il-Gzira (Dok A) ;*

*2. Illi fl-istess data tal-14 ta` Lulju 1997, l-istess Anthony Borg dahal f`konvenju mal-attur Francis Borg, fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li permezz tieghu wieghed illi jbiegh u jittrasferixxi lill-attur nofs indiviz tal-istess fond 'Edlin' f`Imsida Road, il-Gzira ghall-prezz ta` ghaxart elef Liri Maltin ossia tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro (€23,239) (Dok B), liema somma thallset fl-intier taghha mir-rikorrent Francis Borg bil-mod spjegat fuq l-istess konvenju ;*

*3. Illi l-imsemmi konvenju kellu validita` sal-14 ta` Lulju 2002, wara liema data l-partijiet kellhom jghaddu ghall-kuntratt finali jew jestendu l-imsemmi konvenju;*

*4. Illi peress illi l-imsemmi konvenju bejn il-partijiet skada minghajr ma l-ebda parti ma hadet azzjoni legali sabiex il-parti l-ohra tersaq ghall-kuntratt finali, anke jekk verbalment kienu diversi t-tentattivi sabiex Anthony Borg jersaq ghall-att finali ta` trasferiment kif kien wieghed ;*

*5. Illi peress li ghalhekk, il-partijiet ghandhom imorru lura ghall-istatus quo ante b`dan illi l-attur huwa ntitolat ghar-restituzzjoni tat-tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro (€23,293) illi huwa kien hallas versu s-sehem mill-fond imsemmi li l-intimat qatt ma ttrasferielu ;*

*6. Illi peress illi nonostante diversi weghdiet ta` hlas, inkluz mill-intimata wara illi hija wirtet lid-decujus Anthony Borg, hija baqghet inadempjenti fil-hlas ;*

*7. Illi peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 – 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi l-intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghal din l-istess talba ;*

*Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikli 167 – 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ;*

*2. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro (€23,293), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.*

*Bl-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011 fejn, wara illi sabet li l-konvenuta kellha eccezzjonijiet validi x`taghti, tat lill-konvenuta zmien ghoxrin (20) jum biex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fit-3 ta` Ottubru 2011 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hi preskritta bid-dekors ta` hames snin, u dan a norma tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-eccipjenti tirriserva li tindika izjed artikoli applikabbli dwar il-preskrizzjoni meta l-attur jindika precizament taht liema disposizzjoni tal-ligi qed isejjes l-azzjoni tieghu.*

*2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti m`ghandha taghti xejn lill-attur, u l-azzjoni odjerna hi biss ritaljazzjoni vessatorja mill-attur talli hi (l-eccipjenti) giet istitwita bhala l-unika eredi universali tad-defunt Anthony Borg, li jigi hu l-attur.*

*3. Illi l-eccipjenti minn issa stess tichad dak premess fis-sitt (6) paragrafu tar-rikors guramentat, fejn inghad li hi (il-konvenuta) weghdet li ser thallas lill-attur is-somma reklamata f`din il-kawza, billi din hi allegazzjoni ghal kollox inveritiera, u qed tigi kategorikament u bl-aktar mod assolut respinta.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Tonio Spiteri, tal-konvenuta, u tal-attur fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2011 (fol 17 sa fol 82) u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-istess udjenza (fol 83 sa fol 86).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Vella u ta` Romuald Attard fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2012 (fol 91 sa fol 104) u rat id-dokument li kienipprezentat waqt l-istess udjenza (fol 105).

Semghet ix-xiehda ta` Romuald Attard fl-udjenza tas-26 ta` April 2012 u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-istess udjenza (fol 110 sa fol 122).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**In-Nutar Tonio Spiteri** xehed illi d-dokument a fol 5 tal-process huwa kuntratt ta` bejgh bejn Joseph Vella u Anthony Borg datat l-14 ta` Lulju 1997 dwar post bl-isem ta` `Edlin`, Msida Road, Gzira. Id-dokument a fol 4 tal-process kien konvenju sar fl-istess jum tal-kuntratt ta` bejgh Anthony Borg u Francis Borg fir-rigward ta` nofs indiviz mill-istess post. L-ewwel ma sar kien il-kuntratt bejn Joseph Vella u Anthony Borg u dakinhar stess Anthony Borg obbliga ruhu li jittrasferixxi nofs il-post lil huh Francis Borg. In-nofs tal-post kien inbiegh ghall-prezz ta` Lm10,000 li minnhom kien diga` thallas akkont, bil-bilanc kellu jithallas fil-kont li Borg kellu mal-BOV.

Kompla jixhed illi Francis Borg kien kellmu kemm-il darba dwar dan il-konvenju. Jghid illi minkejja li kien sar

appuntament fid-29 ta` April 2002 biex jiggedded il-konvenju, Anthony Borg baqa` ma marx ghax kien traskurat. Francis Borg qatt ma rega` kellmu wara dakinhar hlief fil-bidu tal-2012 meta talbu kopja tal-konvenju u nfurmah li huh kien gie nieqes u li l-kuntratt baqa` qatt ma sar.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud qal illi Joseph Vella kien klijent regolari tieghu. Ma setax jiftakar jekk il-konvenju ta` bejn l-ahwa Borg kienx gie ffirmat quddiemu ghalkemm ikkonferma li l-konvenju kien gie ttajpjat mill-iskrivan tieghu. Spjega li l-prassi tal-ufficju tieghu hija l-konvenji jsiru mill-iskrivana sakemm ma jkunx hemm xi problemi. Ir-relazzjoni bejn l-ahwa Borg kienet tidher tajba. Ma setax jiftakar jekk kienx hemm raguni partikolari ghaliex Frans Borg ma qabadx u xtara hu u deher fuq il-kuntratt tal-bejgh hu stess. Minn qari tad-dokumenti, jirrizulta li Anthony Borg kien qieghed jaghmel qligh ta` Lm5,000 mill-patt mal-attur. Il-konvenju kellu validita` twila ta` hames snin u kien miftiehem li wara dawk il-hames snin, il-konvenju seta` jigi estiz ghall-perijodu iehor. Ma setax jiftakar ghala saru dawk il-klawsoli. Ikkonferma li Frans Borg kien jaghmel appuntamenti biex jiggedded il-konvenju izda Anthony Borg baqa` qatt ma resaq. L-abbozz tal-kuntratt ma kienx ghadu tlesta meta saru l-appuntamenti. Meta mistoqsi, ix-xhud wiegeb illi ma kienx ivverifika jekk il-bilanc tal-flus kienx thallas fil-frattemp. Kien fl-2012 li Frans Borg infurmah huwa kien hallas il-bilanc kollu dovut u wrieh xi dokumenti tal-bank bhala prova. Qal illi bejn l-ahhar appuntament li kien iffissat u z-zmien meta Frans Borg mar jitlob kopja tal-konvenju, huwa qatt ma rega` kien gie avvicinat dwar dak il-konvenju.

**Il-konvenuta** xehdet illi hija s-sid tal-fond `Edlin` Msida Road, Gzira. Sar taghha b`wirt wara l-mewt ta` Anthony Borg, li kien il-*boyfriend* taghha. Saret taf bil-post wara li ghamlet ricerki. Ghamlet ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis.* Hija kienet taf lill-attur li kien jigi hu Anthony Borg. Quddiemha qatt ma sar diskors dwar il-post. Hija

ma kenitx tghix fil-post in kwistjoni izda tghid illi kien silfet il-post lil habiba taghha biex tghix fih ghal ftit zmien. Saret taf ukoll li l-attur kien qieghed imur fil-post ; ghalhekk inkarikat avukat biex jikteb lill-attur. In partikolari, kitbet ittra legali lill-attur sabiex ma jibqax jidhol fi hwejjigha. Mistoqsija mill-qorti ghaliex ladarba kienet taf lill-attur ma kellmitux bil-kelma t-tajba, il-konvenuta stqarret illi marret mill-ewwel ghand avukat biex jibghatlu ittra.

Kompliet tixhed illi meta Anthony Borg kien ghadu haj, kienet taf ukoll li l-attur kien imur fil-post ghal xi snin. Ghala ma kienitx taf. Ir-relazzjoni li hi kellha ma` Anthony Borg damet xi 11-il sena. Tghid li l-attur kellu cavetta tal-post li baqghet ghandu sakemm hi bidlet is-serratura. Kienet domandata r-raguni ghalfejn damet is-snin biex tibghat ittra legali lill-attur. U wiegbet illi wara l-mewt ta` Anthony Borg, ma ghaddietx minn zmien tajjeb ; tghid infatti li halliet kollox ghaddej sakemm irrealizzat li hadd ma ghandu dritt li jkollu cwievet tal-proprjeta` taghha.

Ix-xhud ikkonfermat li l-arloggi tad-dawl u tal-ilma tal-post kienu f`isem Frans Borg. In segwitu daru fuqha. Wara l-mewt ta` Anthony Borg, l-attur ghaddielha €200. Qalilha li kienu ta` Anthony Borg. Hi fehmet illi dawk kienu hlas ta` kera billi dak iz-zmien tal-hlas kien hemm xi nies fil-post. Ikkonfermat illi kienet taf li l-post kien qieghed jinkera. Wara l-mewt ta` Anthony Borg, baqa` jiehu hsieb l-attur.

Ipprecizat illi mill-post kecciet lil kull min kien hemm go fih u bidlet is-serratura.

**L-attur** xehed illi huwa sar jaf li kien hemm appartament ghal bejgh. Flimkien ma` huh Anthony Borg, iltaqghu ma` sid l-appartament. Iltaqghu ghand in-nutar u sar kuntratt. Hu ma kellux wisq flus u ghalhekk ha self ta` Lm9,000. Ipprezenta kopja ta` *sanction letter* li kiseb mill-bank sabiex issellef id-Lm9,000. Ghamel zmien twil

jahdem fl-appartament. Fil-fatt qieghed il-madum u l-katusi tad-drenagg. U qabbad in-nies biex ikahhlu l-post. Skond l-attur, intefqu mat-Lm8,000 fil-post. Minnhom huh hallas in-nofs. Jghid illi ma` huh qatt ma kellu problemi. L-attur insista (wara mistoqsija tal-qorti) illi huwa hareg nofs il-flus tal-post u li ghalhekk il-flat inxtara flimkien ma` huh. Ippreciza illi l-post kien akkwistat nofs minn huh u nofs minnu ghax il-prezz tal-bejgh thallas bejniethom. Huwa jghid illi hareg s-sehem tieghu kollu. Anke x-xogholijiet li saru fil-post, dawk thallsu bin-nofs ma` huh.

L-attur spjega li dan l-appartament kien beda jinkera wara li kien lest minn kollox. Inkera ghal madwar €233 fil-gimgha. Huwa kien jircievi l-flus u mbaghad kien jghaddi nofshom lil huh Anthony. Dan tal-ahhar kien jghidlu biex il-flus jghaddihom lill-konvenuta peress li Anthony kien solitament jaghtiha ammont ta` flus fil-gimgha. L-attur ikkonferma li din is-sistema baqghet ghaddejja s-snin. Ftit tal-hin qabel ma` miet huh maqtul, kien ghadu kif ta lill-konvenuta €200, bhala sehem mill-kera. Wara l-mewt ta` Anthony, il-konvenuta baqghet tircievi l-kera b`mod regolari. Wara l-mewt ta` Anthony, il-kera kienet gholiet ghal €422 u kienet tinqasam mal-konvenuta. Wara xi zmien, il-konvenuta nfurmatu li kienet avvicinat avukat.

Ikkonferma illi l-ftehim ma` huh kien li huwa jigbor il-kera u jaqsmuha bejniethom bin-nofs. Dakinhar tal-kuntratt tal-akkwist, kien ma` huh. Ir-raguni ghala ismu ma tnizzilx fil-kuntratt ladarba huwa kien ser johrog nofs il-prezz, kienet ghaliex beza` billi dak iz-zmien kien jirregistra. Kien in-nutar illi rranga sabiex isir konvenju fejn nofs il-post ikun f`ismu izda huh baqa` qatt ma mar ghall-appuntament biex isir il-kuntratt fejn nofs il-post ikun tassew f`isem l-attur.

Jghid illi huwa dejjem hallas id-dawl u l-ilma tal-appartament sakemm il-konvenuta zammitu milli jkompli jikri l-istess appartament. Il-meter tad-dawl u l-ilma kienu

fuq ismu.  Huwa kien ghamel talba biex dawn jitnehhew minn fuq ismu ladarba ma baqax jithallas kera.

Fil-**kontro-ezami**, l-attur xehed li huwa dizokkupat u jircievi ir-*relief.*  Wara li saru x-xogholijiet fih, il-post beda jinkera u baqa` jinkera sa sena wara l-mewt ta` Anthony. Huwa kien jircievi kera fil-gimgha peress li l-kera dejjem kienet tithallas fil-gimgha.  Il-kera bdiet b`inqas minn Lm100 fil-gimgha imma imbaghad baqghet tizdied sakemm telghet ghal €433 fil-gimgha.

Mistoqsi jekk is-somma ta` Lm10,000 li hareg kienx gia` thallas taghha bil-kera li rcieva matul is-snin, l-attur wiegeb li din il-kwistjoni ma ghandha x`taqsam xejn. Rinfaccjat  ghal darb`ohra bid-domanda jekk b`dak li rcieva kienx ha lura dak li kien hareg minn butu, baqa` jsostni li huwa ma jistax jaghmel dan il-kalkolu ghaliex kien hemm zmien meta l-appartament kien vojt.

L-attur xehed illi huwa kien ha self ta` Lm9,000 mill-bank li tahom lil  huh biex jakkwista l-appartament.  Meta kien mistoqsi r-raguni ghala fuq il-konvenju ma kienx imnizzel dan kollu izda li l-attur kien obbligat li jhallas Lm8,700, ix-xhud ma gharafx iwiegeb.  Baqa` jsostni li kien ta lil huh Lm9,000 u li s-somma ta` Lm8,700 mhux veru kellha tithallas fi stadju ulterjuri mill-attur.  Isostni li kienet saret laqgha bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet fil-prezenza ta` l-konvenut.  Wara l-laqgha, il-konvenuta regghet bdiet thallas lill-attur sakemm regghet waqfet.  Il-konvenuta kienet weghditu li ser tibqa` thallsu l-kera regolarment.

L-attur ikkonferma li qabel saret din il-kawza, huwa kien dejjem jitlob li nofs il-post idur fuq ismu.  Il-konvenuta kienet taf li nofs l-appartament kien tieghu.  Huwa kien dispost li jhallas nofs id-denunzja fuq dan l-appartament. Talab lill-konvenuta biex jirrangaw il-kwistjoni bejniethom billi nofs il-post isir f`ismu.  Dak li dejjem ried mhux illi

taghtih l-Lm10,000 li huwa kien hallas.  Huwa qatt ma talab lill-konvenuta biex taghtih Lm10,000 u hi qatt ma qaltlu li kienet sejra troddhomlu.  Kien inghata l-parir li dak li seta` jitlob kien li jiehu lura l-Lm10,000 li kien hallas.

**Joseph Vella** xehed illi huwa kellu appartament zghir fil-Gzira.  U l-attur u huh Anthony maghruf bhala *Il-Bona* riedu jixtru l-flat. Waslu ghal ftehim dwar il-prezz u sar kuntratt.  Fuq l-att bhala xerrej deher biss Anthony Borg, ghalkemm kien prezenti wkoll l-attur ghand in-nutar. Bhala fatt kienu z-zewgt ahwa li kellmuh dwar il-flat u nnegozjaw mieghu.  Minn dak li sema` kien jidher illi l-ahwa kienu ser jixtru l-post bi shab.  Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn il-kuntratt sar fuq persuna wahda u mhux fuq it-tnejn, ix-xhud wiegeb illi ma kienx jaf ir-raguni.  Kull ma sema` kien li wiehed kien ser johrog xi flus u jaghtihom lill-iehor.  Qal illi huwa kien thallas il-prezz tal-bejgh izda ma setax jiftakar kienx bi flus kontanti jew b`cheque.  Lanqas ma seta` jiftakar min mill-ahwa Borg tah il-flus.  Wara li sar il-bejgh, l-attur cempillu illi kien hemm kont tad-dawl ghadu pendenti.  Ix-xhud hallas il-kont.  L-istess sar dwar kont tat-telephone li kien pendenti wkoll.

**Romuald Attard ghal Bank of Valletta plc** xehed illi fl-14 ta` Gunju 1997 (fol 113) il-bank hareg *sanction letter* biex jaghti *loan* lill-attur.  Is-self kien ghal Lm9,000 u bhala garanzija sar *pledge* ta` 100 Holdings Malta Bond Fund.  Is-self hadu l-attur u kien garantit minn Anthony Borg.  Bl-ittra a fol 105, Anthony Borg kien infurmat illi s-self kien thallas u kwindi l-garanzija bil-Malta Bond Fund Holdings ma kenitx sejra tibqa` fis-sehh.

**Ikkunsidrat :**

**III. Kawza llecita**
**(allegata mill-konvenuta)**

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta tallega li l-azzjoni tal-attur hija kolpita b`kawza illecita. Tghid illi ghax il-materja hija ta` ordni pubbliku, il-Qorti ghandha *ex officio* tidhol fil-kwistjoni u tichad it-talba attrici abbazi tal-principju *ex turpi causa non oritur actio*.

Skond il-konvenuta, *il-Qorti trid tara jekk ghandhiex tippermetti li l-ewwel l-attur `ghaffeg` dak li ghaffeg biex jiehu flus u beneficcji li skond il-ligi ma kienx intitolat ghalihom, imbaghad illum jitlob il-kenn tal-Qorti* (fol 137). Il-konvenuta ssostni li l-kuntratt ta` bejgh sar ma` Anthony Borg biss sabiex l-attur ikun jista` jibqa` jqarraq bid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. U ffirma biss il-konvenju ma` huh Anthony sabiex ikollu serhan il-mohh dwar id-drittijiet tieghu fuq l-oggett mertu tal-bejgh. Targumenta wkoll li l-konvenju sar bhala parti minn pjan biex l-attur jiehu dak li ma kellux dritt ghalih skont il-ligi.

Din il-Qorti ma tikkondividi xejn din il-linja ta` difiza tal-konvenuta. Anke wara li semghet lill-attur jiddeponi, il-konvenuta baqghet lura milli taghmel talba lill-qorti biex tipprezenta risposta ulterjuri fejn *per via di eccezione* teccepixxi l-kawza llecita. Lanqas ma talbet li tressaq provi, senjatament bix-xiehda ta` rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali sabiex jigu stabbiliti l-beneficcji li kien qieghed jippercepixxi l-attur. Waqfet mad-deposizzjoni tal-attur, u refghet kollox ghall-istadju tat-trattazzjoni finali tal-kawza billi avvanzat l-argument illi fuq id-dikjarazzjoni tal-attur, anke jekk bil-gurament, din il-Qorti kellha tinvoka hi l-ordni pubbliku u addirittura tichad it-talba attrici. Huwa minnu li l-attur xehed li huwa ma deherx fuq il-kuntratt ta` bejgh flimkien ma` huh bhala xerrej ghax beza` billi kien dizokkupat u kien qed jiehu r-*relief.* Dak il-fatt pero` ma jinvalidax il-konvenju bejn l-ahwa Borg abbazi ta` kawza illecita u jhassar kull pretensjoni li jista` jkollu kontra l-konvenuta. Ma kien hemm l-ebda impediment legali biex l-attur jixtri l-flat in kwistjoni. Ir-riskju li kellu l-attur bil-fatt illi jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-flat kien illi jiddekadi mill-beneficcji socjali li kien qieghed jircievi u / jew li jkollu jirrifondi l-

beneficcji illi kien diga` thallas. Pero` l-attur ma kienx prekluz milli jersaq ghal konvenju biex jixtri post jew parti minnu. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti m`ghandhiex provi dwar il-kondizzjonijiet li kellu l-attur sabiex jircievi l-beneficcji socjali. Kwindi din il-Qorti mhijiex sejra tintervjeni hi fuq il-materja sollevata mill-konvenuta fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-**<u>Art 2156(f) tal-Kap 16</u>** ghaliex jekk tirrizulta fondata ma jkunx hemm htiega li tqis il-mertu tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra.

Skond l-Art 2156(f) tal-Kap 16, *l-azzjonijiet ghall-hlas ta` kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa` skont din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku … jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` hames snin.*

Din il-Qorti tghid illi l-preskrizzjoni skond din id-disposizzjoni hija applikabbli ghall-fatti ta` dan il-kaz. Kienu diversi s-sentenzi fejn kienet imfissra l-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-7 ta` Ottubru 2004 (**<u>PA/TM</u>**) fil-kawza `**<u>Paris et vs Maltacom plc</u>**` inghad hekk **–**

*Il-preskrizzjoni ta` hames snin taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 ghandu jircievi interpretazzjoni in bazi ghar-*

*regola ta` l-ejusdem generis in korrelazzjoni max-xorta ta` krediti msemmija fl-incizi li jigu qabel ta` l-istess artikolu, u li mhux accettabbli interpretazzjoni estensiva ta` dan il-paragrafu. L-espressjoni "kull kreditu iehor" jidher li dejjem giet interpretata bhala li tirreferi ghal kreditu ta` flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus. Kull kreditu iehor hemm imsemmi m`ghandux jiftiehem illi jista` jkun kwalunkwe kreditu, ikun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess disposizzjoni, u li jkollu l-istess natura bhal flus, bhal meta jkun jittratta, biex jinghata ezempju, minn kreditu li gej minn self ta` haga fungibbli li ma tkunx flus. Is-self ta` flus jifforma oggett ta` l-ewwel applikazzjoni in ispecje, imma meta s-self ikollu bhala oggett hwejjeg ohra fungibbli, jidhol fit-tieni applikazzjoni generali. Fejn il-kreditu mhux ta` flus jew ma jkollux l-istess natura bhala flus, il-paragrafu (f) ta` l-artikolu 2156 mhux applikabbli. Hekk, per ezempju, il-kreditu naxxenti mill-actio pauliana ma jaqax taht il-preskrizzjoni kkontemplata f`dan il-paragrafu (f).*

(ara wkoll is-sentenza tas-17 ta` Ottubru 2005 fil-kawza `**Ellul Sullivan noe vs Tancred Tabone noe**` (**PA/FS**) u s-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tat-12 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**")

Fil-kaz tal-lum, l-azzjoni attrici tittratta kreditu ta` flus u ghalhekk l-Art 2156(f) japplika ghal fatti ta` l-kaz.

Ghar-rigward ta` l-fondatezza tal-eccezzjoni skond dik id-disposizzjoni, din il-Qorti qieset l-argumenti ta` l-attur meta jsostni li l-preskrizzjoni kienet interrotta bil-fatt illi kien hemm qsim tal-kera l-ewwel bejn l-ahwa Borg, u in segwitu bejn il-kontendenti. Ukoll skond l-attur, kemm Anthony Borg kif ukoll il-konvenuta tqieghdu f`posizzjoni guridikament inkompatibbli mad-dekors tal-preskrizzjoni kontra l-jedd ta` l-attur. Il-Qorti kkunsidrat dak li sostna l-attur u cioe` illi sa ftit xhur qabel il-presentata tar-rikors guramentat, l-arloggi tad-dawl u tal-ilma fil-fond kienu ghadhom registrati f`isem l-attur.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn l-argumenti ma jwasslux biex jirribattu b`success ghall-attur l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin.

Din il-Qorti gharblet b`reqqa x-xiehda tal-attur partikolarment fejn jaghmilha cara li dak li hu ried attwalment kien illi n-nofs indiviz tal-post idur fuq ismu permezz ta` att pubbliku. Ighid illi huwa qatt ma talab lill-konvenuta biex taghtih lura l-flus li kien hallas fuq il-konvenju. Ighid bla tlaqlieq illi kien biss meta l-konvenju kien ilu zmien illi ghalaq, u kwindi ma setax jenforza l-pattijiet, illi inghata l-parir li l-uniku triq li kellu kien illi jitlob lura minghand il-konvenuta (bhala eredi ta` huh Anthony) il-flus li kien hallas lil Anthony fuq il-konvenju ladarba l-konvenju ma kienx jorbot aktar.

Din il-Qorti ma tqisx il-fatt illi ghal xi zmien il-konvenuta hadet nofs il-kera tal-post jew il-fatti illi l-arloggi tad-dawl u tal-ilma kienu ghadhom registrati fuq l-attur sa ftit zmien qabel il-prezentata tar-rikors guramentat huma prova ta` interruzzjoni ta` l-preskrizzjoni jew ta` rikonoxximent tal-kreditu anke meta tqis illi fit-tielet eccezzjoni, kif del resto sostniet fix-xiehda taghha, il-konvenuta qatt ma accettat jew weghdet li sejra thallas lill-attur is-somma li kien qieghed jippretendi.

It-talba ta` l-attur hija specifika u ntiza sabiex tottjeni l-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta` somma flus. Rinfaccjat bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin, l-attur ma ressaqx provi sodisfacjenti u konklussivi li setghu jwasslu lil din il-qorti biex taccetta li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew rikonoxximent tal-kreditu. Anzi l-provi kollha juru li l-attur halla z-zmien ghaddej ghaliex mohhu qatt ma kien li jitlob il-flus lura izda li nofs il-post idur f`ismu. Il-konvenju sar fl-14 ta` Lulju 1997 (fol 5 et seq) u wara li ghalaq, l-attur ma pprezenta l-ebda att

gudizzjarju ghajr ir-rikors guramentat fit-12 ta` Lulju 2011, u kwindi ben oltre li kienu ghaddew il-hames snin.

Din il-Qorti tqis fondata l-ewwel eccezzjoni. Ghax hekk hu, din il-Qorti mhijiex se tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talba attrici fil-mertu.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` l-ewwel eccezzjoni u tiddikjara t-talba attrici preskritta a tenur tal-Art 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------